*Ħaż-Żebbuġ - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**AĠENDA NUMRU 20 – 9 ta' Settembru 2020**

***Minuti tal-għoxrin laqgħa tal-Kunsill tat-tmien Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar l-Erbgħa 9 ta' Settembru, 2020 fis-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fil-Kunsill Lokali fis-6:00 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda Numru 20. Il-laqgħa bdiet fl-6:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Dr. Malcolm P. Galea** | Sindku |
| | **Mark Camilleri** | Viċi-Sindku |
| | **Steve Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Philip Edrick Zammit** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **David Battistino** | Kunsillier |
| | **Patrick Bonnici** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija:** **Ħadd**

**Assenti :** **Ħadd**


***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut**, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** *zebbug.malta.lc@gov.mt* ***Tel:*** *21 468181*

| | | |
|---|---|---|
| **Pubbliku:** | **Ħadd** | |
| **Uffiċċjal preżenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Eżekuttiv |

**20.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**
Ma kien hemm l-ebda kunsillier li ma kienx preżenti. Il-Kunsillier Kevin Glynn kien avża li ser jasal tard.

**20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**
Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi ppropona li l-minuti jiġu approvati kif preżentati. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Philip E. Zammit. Il-minuti ġew approvati unanimament.

**20.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

- Dwar Jum Ħaż-Żebbuġ 2020, ġie deċiż li issir quddiesa ta' ringrazzjament fit-18 t' Ottubru 2020 fid-9:30am. Il-Kunsillier Philip E. Zammit qal li ser jagħmel kuntatt mal-Arċipriet. Ser isir ukoll dokumentarju qasir fejn ser ikunu ntervistati min ser jingħata Ġieħ Ħaż-Żebbuġ u Apprezzament. Il-Viċi-Sindku Mark Camilleri ser jieħu ħsieb jordna l-plakek kommemorattivi li jingħataw lil dawk li jingħataw il-Premju.

- Dwar Dar Bjorn, is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li l-Kunsill ippreżenta l-*objection* kif kien maqbul fil-laqgħa preċedenti.

- Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea semma li ser jagħmel l-arranġamenti neċċessarji sabiex jinxtegħel Bieb de Rohan b'lewn roża fl-okkażjoni ta' Pink October.

- Wara proposta tas-Sindku Dr. Malcolm P. Galea kien hemm qbil unanimu li Marcel Sciriha tiżdiedlu l-miżata tiegħu relatat mal-ftuħ u l-għeluq taż-żewġ ġonna b' Eur50 fix-xahar.

- Is-Sindku semma wkoll li l-informazzjoni li waslet għall-kjarifika li ntalbet lill-offerenti tat-tender tal-iskart goff, issa qiegħda għand inġinier sabiex janalizzaha.

**20.4 Tenders tal-Knis**

Wara diskussjoni, is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li jeħtieġ li jsir aktar infurzar dwar dan il-kuntratt u jekk hemm bżonn jinħarġu id-default notices. Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi qal li għaddej bl-arranġamenti mal-Wurth u l-Greenpak dwar l-uniformijiet.

**20.5 Proġetti – Public Convenience u Tisbiħ Vjal il-Ħelsien**

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li it-tender dwar Urban Greening fi Vjal il-Ħelsien qed jiġi preparat.

Dwar it-Tender tal-Public Convenience, is-Sindku qal li meta kien ra l-BOQ preparat mill-Perit Buhagiar kien ra ħafna affarijiet neqsin, bħal dawl u ilma, art li hija non-slip, tankijiet fuq il-bejt eċċ. Huwa qal illi dwar dan il-proġett qed jitkellem ma' Perit ieħor sabiex jiġi addattat it-tender għall-bżonnijiet tal-Kunsill. Sabiex isir dan il-Perit Buhagiar irid jiffirma release form. Fuq proposta tas-Sindku Dr. Malcolm P. Galea, sekondata mill-Kunsillier Philip E. Zammit, kien hemm qbil unanimu li l-Perit Buhagiar jintalab jiffirma r-release form sabiex ma jibqax responsabbli hu minn dan il-proġett.

**20.6 Community Police**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-iSpettur tal-Pulizija ta' Ħaż-Żebbuġ issa nbidel . Huwa qal ukoll li minn informazzjoni li għandu, l-għassa hija privata u aktarx ser tintilef. Ser jipprova jitkellem mal-Awtoritajiet biex l-Għassa tkun inkorporata fi proġett ta' bini fuq il-librerija

sabiex il-poplu Żebbuġi jkollu l-preżenza tal-pulizija xorta waħda. Is-Sindku qal ukoll li kellu laqgħa mas-Supretendent dwar il-Community Police, li min-naħa tiegħu is-Supretendent talab li l-Kunsill jipprovdilhom karma minn fejn ikunu jistgħu jaħdmu. Is-Sindku identifika kamra tal-Lands li tista tiġi użata mill-Community Police. Din il-kamra jinħtiegilha li jinbidlu xi bibien u twieqi u servizzi sanitarji.

**20.7 Infurzar f'Misraħ San Filep – (Installazzjoni ta' Kamera u Mwejjed u Siġġijiet)**

Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu li titweħħel camera fuq il-Lungo fejn kienet tinsab l-antika. Ser isiru diskussjonijiet biex tiġi mqabbda mal-LESA sabiex jitneħħa l-abbuż.

Fuq proposta tas-Sindku Dr. Malcolm P. Galea, sekondata mill-Kunsillier David Battistino, ġie deċiż li tintbagħat ittra lill-istabillimenti tal-ikel u x-xorb, sabiex jkunu nfurmati li mhux se jigi estiz il permess specjali li inghata minhabba s sitwazzjoni relatata mal Covid19 ghal mwejjed u siggijiet barra wara t-30 ta' Settembru, jekk mhux koperti b'permess mahrug mill-MTA U l-PA.

Proponent – Dr. Malcolm P. Galea
Sekondant – David Battistino

Dawk Favur – Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea, Il-Kunsilliera David Battistino, Kevin Glynn, George Cortis u Patrick Bonnici
Dawk Kontra – Il-Viċi-Sindku Mark Camilleri, Il-Kunsilliera Clive Azzopardi, Philip E. Zammit, Steve Zammit Lupi

**20.8 Tisbiħ taz-Zona tal-Flats tal-Grazzja**

Ġie deċiż li dan l-item jiġi diskuss f'laqgħa oħra.

**20.9 Impjegati tal-Kunsill**

Wara diskussjoni ġie deċiż li l-ħaddiem tas-CWSEF Gordon Callus jingħata Eur 400 gross fix-xahar. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**20.10 Vot tal-Flus**

Wara diskussjoni ġie maqbul li l-vot tal-flus jiġi approvat kif preżentat.

**20.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa spiċċat fit-8pm. Il-laqgħa giet aġġornata għas-7 ta' Ottubru 2020.

**Dr. Malcolm P. Galea** — **Paula M. Valletta**

**Sindku** — **Segretarju Eżekuttiv**

,